MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Numru. 1200/2009

**Il-Pulizija
Spettur Elton Taliana**

**vs**

**Carmel Dimech**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Carmel Dimech ta’ 63 sena, mwieled nhar it-2 t’ April 1946 gewwa Birkirkara, iben il-mejjet John u Modesta nee’ Pisani u residenti gewwa 157, Triq Salvu Psaila, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 314746(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar is-16 ta’ Settembru 2009 ghall-habta ta’ l-ghaxra u nofs ta’ filghodu (10.30Hrs) gewwa l-hanut ‘Just Paints’,

Triq Salvu Psaila, Birkirkara, u f'inhawi ohra f'dawn il-gzejjer ghamel attentat vjolenti fuq il-pudur ta' Margaret Giusti ;

Fl-istess data, lok u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku.

F'kaz ta' htija il-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Margaret Giusti u l-familja taghha ai termini ta' l-artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' Jannar 2010 (esebit a fol. 9 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar 24 ta' Marzu 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li l-parti civili

rrinunzjat ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfronti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 207 u 209 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjonijiet li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena(1) millum.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti torbot lil hati b’obbligazzjoni personali ta’ hames mitt ewro (€500) ghal zmien tnax(12)-il xahar milli jimmolesta jew jivvessa lil Margaret Giusti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------